MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 2374/2003/1

**Carmen Taliana**

**vs**

**Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala**
**International Sales Direct**

**Il-Qorti,**

Pronunzjata s-sentenza ta’ din il-Qorti fis-26 ta’ Jannar 2005 in meritu ghall-aggravju procedurali, il-kontendenti ghaddew biex iressqu l-provi taghhom fl-ambitu ta’ l-azzjoni proposta. Azzjoni din ghad-danni skaturati mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet “Emanuel Grech *et* -vs- Carmen Taliana” (Avviz Numru 1465/99/MM), konfermata in sede appell fit-22 ta’ Novembru 2002. Hu proprju fil-kuntest ta’ din il-procedura illi l-Qorti ghandha tinvestiga r-responsabilita` o meno tal-konvenuta ghad-danni

reklamati mill-attrici.  Dan l-ezercizzju jinvolvi certament li jigi ezaminat jekk jikkonkorrux l-estremi ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili li jimponi li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu";

Ghal dawk li huma l-antecedenti tal-kawza odjerna jirrizulta li l-attrici kienet ghaddiet lill-konvenuta l-avviz tal-kawza li rceviet minghand il-konjugi Grech wara li din qaltilha li kienet ser tiehu hsieb hi.  Da hu hekk ikkonfermat mill-konvenuta li ziedet tghid li dan ghamlitu "biex ma ndahhalhiex fi spiza ghax hennejt ghaliha" (fol. 52).  Jirrizulta li l-konvenuta nkarigat ghall-skop ta' kontestazzjoni tat-talba tal-konjugi Grech lill-ufficcju ta' l-Avukat Dr. Anglu Farrugia;

Mill-atti ta' dik il-kawza jirrizulta bhala fatt illi din giet debitament ikkuntestata permezz ta' nota ta' l-Eccezzjonijiet fejn *in primis* gie eccepit illi l-attrici odjerna f' dik il-kawza ma kienetx il-legittimu kontradittur.  Jirrizulta inoltre illi hadd mill-kontendenti attwali ma xehed f' dik il-kawza u dan allavolja l-konvenuta prezenti kienet giet ingunta bhala xhud (ara Mandat ta' Tahrika a fol. 28 fil-kawza per Avviz Numru 1465/99).  Il-Qorti adita mill-kaz, filwaqt li annotat li l-attrici prezenti ma attendietx fil-proceduri u naqset ghalhekk li tissostanzja l-eccezzjoni moghtija, sabet li d-danni kagjonati lill-konjugi Grech kienu dovuti ghat-traskuragni jew negligenza da parti ta' l-attrici fl-operat tal-magna li kkawzat il-hsara fis-sufan;

Fermi dawn il-fatti, mill-korp ta' l-avviz jirrizulta li l-attrici qeghda tippretendi li ghandha tigi rizarcita mill-konvenuta ghat-telf subit minnhom f' danni likwidati u spejjez gudizzjarji fil-kawza l-ohra, ampjament surreferita.  F' kelma wahda, id-danni reklamati mill-attrici huma konsegwenzjali ghall-fatt illi hi ssokkombiet f' dak il-gudizzju;

Ma jistax ikun dubitat illi, di regola, f' sentenza parti trid tinghata ragun u l-ohra le u allura din l-ahhar parti trid tissokkombi ghall-gudizzju. Din is-sokkombenza ma ggibx necessarjament u b' mod awtomatiku illi l-konvenuta, li lilha kien fdat l-harsien ta' l-interessi ta' l-attrici fil-procedura l-ohra, trid tirrispondi ghad-danni. Biex dan ikun hekk il-kaz l-attrici htiegilha tipprova illi hi sofriet danni b' xi ghemil, konsistenti f' att jew ommissjoni, da parti tal-konvenuta. Tinsorgi ghalhekk id-domanda jekk il-konvenuta hadetx hsieb, jew le, tittutela l-interessi ta' l-attrici, azzjonata fil-kawza l-ohra;

Jibda biex jigi osservat qabel xejn illi l-gudizzju tar-responsabilita` civili jrid isir mhux semplicement fuq il-pjan ta' l-ingustizzja imma, fundamentalment, fuq il-livell tal-kawzalita` ta' fatt u tal-kawzalita` guridika. Il-kawzalita` ta' fatt tirriferixxi ghar-rapport li jorbot il-kondotta ta' xi hadd ma' l-event dannuz, mentri l-kawzalita` guridika hi intiza biex tistabbilixxi r-rilevanza guridika tal-konsegwenzi ekonomici sfavorevoli derivanti mill-fatt. Minn dan isegwi illi ghall-finijiet tal-verifika tar-rapport ta' kawzalita`, dak li jokkorri li jigi individwat huwa jekk il-konvenuta f' dan il-kaz naqsetx milli thares l-obbligu posittiv ta' kondotta u jekk din l-inosservanza taghha ddeterminatx l-event dannuz li jintitola lill-attrici tinvoka, bi dritt, ir-rizarciment opportun. Dan hu wara kollox il-presuppost generali tar-responsabilita` civili derivanti mill-Artikolu 1031 u d-disposizzjonijiet l-ohra relattivi li jsegwu, statwiti fil-Kodici Civili;

Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti, minn ezami akkurat ta' l-atti kollha, ma tirravvizax f' dan il-kaz imgieba talment negligenti imputabbli lill-konvenuta ghal liema hi kienet tkun kostretta tbati l-konsegwenzi diretti ta' ghemilha. Fir-rigward din il-Qorti taghmel dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) Ma jirrizultax illi meta l-att ta' l-avviz gie affidat lilha, il-konvenuta ttrattatu b' leggerezza. Hi, anzi, inkarigat konsulent legali biex dan jiehu hsieb jintroduci opposizzjoni ghat-talba tal-konjugi Grech fil-konfront ta' l-

attrici. Fatt dan sew evidenzjat mill-inkartament tal-kawza l-ohra;

(2) Huwa minnu, imbaghad, li l-konvenuta ma tantx jidher li kienet herqana li ssegwi dik il-procedura ghax infatti lanqas attendiet allavolja mharrka ghal daqshekk. Daqstant iehor pero` huwa minnu illi lanqas l-attrici ma wriet tant premura f’ dan il-kuntest. Hi halliet kollox f’ idejn il-konvenuta u din f’ idejn l-avukat taghha. Bla dubju, din l-imgieba ta’ l-attrici tinserixxi ruhha fic-cirkustanzi tal-kaz u b’ tali mod li kapaci twassal biex tippriva mill-efficjenza kawzali kwalsiasi komportament, allegatament negligenti, addebitat minnha lill-konvenuta;

(3) L-attrici ma tistax tikkampa ruhha fuq l-iskuzanti li halliet kollox f’ idejn il-konvenuta, jew tistahba wara l-paraventu li hi ma kellhiex tehel fil-kaz l-iehor ghax ma kienet taf xejn (fol. 47). Effettivament, jidher li stenbhet biss meta giet rinfaccjata bl-ispejjez gudizzjarji u wara s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti ghax kien hemm li ddecediet li tinkariga avukat ta’ fiducja taghha biex jappellalha minn dik is-sentenza. Ghan-nuqqas ta’ interess u passivita` taghha ma tistax hlief tlum lilha nnifisha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma ssibx li l-attrici sodisfacentement ippruvat il-kaz taghha u b’ hekk tichad it-talba, bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------